**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU : 2744**

KAZ Nru: 3869/ JB. Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Maria Carmela Fatima k/a
Lina Tonna. ID: 1016248M

U

Jasmine Nursing Home Ltd
C. 67373

*Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Chairperson: John Bencini B.A.(Hons)., Lic.Phil., M.O.M.**

**Introduzzjoni u Dikjarazzjoni tal-kaz**:

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' Lina Tonna li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-28 ta' Lulju, 2020.

Fir-Rikors taghha Maria Carmela Tonna tesponi: li skond kif infurmata mill-Jobs Plus, hi giet licenzjata fl-1 ta' April, 2020, peress li lahqet l-eta' tal-pensjoni. Hi qatt ma rceviet xi ittra ta' terminazzjoni. Meta giet impjegata kienet ga ta' eta' pensjonabbli u ghalhekk kif jigi argumentat waqt is-smiegh ma setghetx tigi licenzjata kif intqal. Ghaldaqstant, titlob illi t-Tribunal jqis illi t-tkeccija tal-appellanti kien minghajr gustifikazzjoni skond il-ligi u jammonta ghal diskriminazzjoni fuq bazi ta' eta', agir mhux accettabbli f'pajjiz demokratiku, u ghalhekk jiffissa ll-kumpens pagabbli mill-intimati lill-appellanti.

Minn naha taghha, s-Socjeta' Intimata esponiet li impjegat lir-rikorrenti fuq bazi 'part-time', bhala 'kitchen helper' sa mit-23 t' Ottubru 2014. Lejn l-ahhar ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti infurmat lis-Socjeta' Intimata li, minhabba l-pandemija tal-COVID u peress li hija persuna li ghandha 'l fuq minn 70 sena, hija ma kinetx ser tidhol ghax-xoghol aktar u dana sakemm tissusti l-istess pandemija. Fis-27 ta Marzu, 2020, taht ordnijiet mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, tramite ittra li rceviet mill-istess Supretendent, hija giet ordnata sabiex ma tattendix ghax-xoghol peress li tenut tal-eta' taghha kienet giet meqjusa hi stess bhala persuna vulnerabbli. Ovvjament, specjalment meta s-Socjeta esponenti ghandha fil-kura taghha ghexieren ta' persuni li f'dan il-

perijodu kienu jinhtiegu aktar kura, hija kellha timpjega persuna ohra minnufih biex tirrimpjazza lir-rikorrenti f'mument tant delikat u li jirrikjedi aktar 'hands on deck'.

**<u>Gabra fil-qosor tax-xhieda:</u>**

Angelle Buhagiar, Direttrici (Jasmine Nursing Home) sarulha mistoqsijiet mill-Avukat Matthew Bondin ghan-nom tas-Socjeta' Intimata. Ix-xhud qalet li:

" Ms. Tonna ma setghetx tkompli fl-irwol li kellha. Min naha taghna peress li noperaw dar ta' l-anzjani ridna illi jkollna xi hadd minflokha biex ikompli jaghmel ix-xoghol li kienet taghmel hi. Hi, peress li hija persuna vulnerabbli ovvjament ahna fhimna perfettament f'dan il-kaz, minhabba li l-pandemija tolqot l-iktar il-persuni vulnerabbli, hi ma setghetx tkompli f'dan ix-xoghol u accettajna illi tieqaf mix-xoghol. Dak kollox. I mean, prezentajnilha cheque ovvjament bid-differenza tal-leave u tan-notice period li kella, pero',dan ic-cheque wasal ghand l-Avukat, imbaghad minn hemmhekk kellha m'ghand l-Avukat taghha." Id-Direttrici kompliet tghid li "sa l-ahhar li ccekkjajt jiena, ma kienx imsarraf".

Ir-rikorrenti Maria Carmela Fatima k/a Lina Tonna fl'Affidavit li t-Tribunal Industrijali ircieva fil-15 ta Dicembru 2020 , tghid:

" Kif ikkonfermat mid-dokumenti tal-JobsPlus, jien bdejt nahdem ma' Jasmine Nursing Home Ltd u kif qalet Angele Buhagiar, kont 'kitchen hand', u dhalt meta kelli xi 65 sena, ,li ovvjament kien oghla mill eta' ta' meta wiehed jirtira bl-eta'. Meta bdiet il-pandemija COVID 19, kont ghadni fl-impjieg u ghal xi zmien kelli nieqaf milli nattendi minhabba d-direzzjoni li nghatat mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika u l-ittra li rcevejt mill-Isptar Mater Dei li jien kont wahda mill-vulnerabbli. Jien avzajt lill-Home b'dan izda qatt ma tlabt li nieqaf mix-xoghol u malli stajt, kont ghidtilhom li lesta mmur lura. Sa fejn niftakar, qatt ma kelli xi diskussjoni tal-home dwar li kienu ser inehhuni ghax ma stajtx nattendi jew ghax ma setghux ighaddu minghajri bhala 'kitchen hand',tant hu hekk, li kull meta cempilt hemm kellimnt lil manager u ikkonfermali li jien qeda fuq 'unpaid leave'. Kien ghall-habta tat-30 ta' Gunju 2020, li jien cempiltilhom u ghidtilhom illi nista nidhol lura u kien f'dak iz-zmien li gejt itteminata ghax kont ilhaqt l-eta' tal-irtirar, u li t-terminazzjoni sehhet mill-1 ta' April 2020, kif jidher fil-karta tal-JobsPlus. Minn dak li qrajt fil-karti li nghataw Tribunal, rajt illi skont il-home, qalu li ma setghux jghaddu minghajr 'kitchen hand' ghax kellhom ikunu 'all hands on deck'. Pero', mill-karta tal-Jobs Plus, jidher li allavolja jghidu li kellhom jimpegaw lil xi hadd minnufih, ma hemm hadd li gie impjegat fil-kariga ta' 'kitchen hand' wara li spiccajt jien, ghax l-unici karigi li jidhru li dahlu xi nies fihom huma ta' 'receptionist' u xi 'health assistants'."
F' kontro-ezami tar-rikorrenti mill-Avukat Matthew Bondin, ghas-Socjeta" Intimata, ir-rikorrenti Maria Carmela Tonna xehdet li hija qalet li hi kienet biss 'part-time', izda kienet tahdem 32 siegha. Qalet li kienet tahdem 'daqs full-time'. Kompliet tixhed li

kemm damet hemm, kienu jafu li hi diga' kienet qabzet il-wiehed u sittin sena, u din qatt ma kienet problema ghas-Socjeta' Intimata.

Meta mistoqsija mill- Avv. Brincat, jekk meta faqqghet il-pandemija, kienetx hi stess li kienet waqfet milli tmur ghax-xoghol fuq l-ordni li kienet harget mid-dipartiment tas-sahha, ix-xhud wiegeb -' ghax kelli l-ittra u bilfors kelli nieqaf. Hija ziedet tghid li qatt ma twaqqfet mill-kumpanija qabel. Fuq mistoqsija mill-avukat jekk hemmx qbil li f' Gunju fil-fatt persuni tal-eta' taghha kienu prekluzi milli jmorru lura ghax xoghol. Ix-xhud wiegbet, 'no, no, stajna mmorru ghax-xoghol'. Ix-xhud qalet illi fis-snin li damet hemmhekk, xi sitt snin, "Dejjem kont trattata tajjeb', u li ma kellhiex xi tgerger.

**Trattazzjoni:**

L-Avukat Matthew Bondin ghas-Socjeta' Intimata qal li dan il-kaz m'huwiex wiehed ikkumplikat imma xorta wahda huwa wiehed naqra 'sui generis', ghaliex meta sehhet ic-cirkustanza li laqtet id-dinja, il-pandemija, kellhom jittiehdu decizjonijiet bla precedent. Dan il-kaz jinvolvi impjegata, li meta giet impjegata mas-Socjeta Intimata, kienet diga lahqet l-eta' tal-irtirar. F'Marzu 2020, gie ddikjarat stat ta' emergenza. Kienet harget ordni mill-Gvern, illi persuni vulnerabbli ma jkunux jistghu jattendu l-post tax-xoghol. Ir-rikorrenti kienet wahda minn dawn il-persuni. Is-Socjeta Intimata tiehu hsieb 'home' tal-anzjani u ovvjament dawn huma kollha persuni meqjusa vulnerabbli u allura il-'home' ma setghetx tghaddi b'imqar impjegat wiehed inqas, u ghalhekk kellhom isiru 'replacements'u aggustamenti biex in-nuqqas tas- Sinjura Tonna jigi rimpjazzat. Dan it-Tribunal irid jara jekk it-terminazzjoni tal-impieg tas-Sinjura Tonna huwiex wiehed legali jew le. L-Avukat Bondin kompla jghid li la darba ir-rikorrenti kienet lahqet l-eta' tal-pensjoni, l-employer jista, malli jilhaq l-eta' tal-irtirar minghajr spjegazzjoni ta xejn, ghandu dritt, skont il-ligi li jitterminalu l-impieg, minkejja li din l-impjegata kienet eccellenti fix-xoghol taghha. Il-pajjiz gie ffaccjat b'pandemija u l-eta' tar-rikorrenti rrendietha vulnerabbli. L-Avukat Bondin, ghalhekk staqsa jekk l-azzjoni li hadet is-Socjeta Intimata kientx ggustifikata.

L-Avukat Matthew Cutajar ghar-rikorrenti qal li jiehu gost jisma' l-kollega jghid li ' din kienet impjegata idonja u allura l-crux tal-kwistjoni huwa kollu dwar jekk ir-raguni ghat-terminazzjoni hijiex wahda valida jew le'. L-Avukat Cutajar kompla jghid li r-rikorrenti giet itterminata fl- 1 t' April 2020 minghajr ma ntbaghtet ittra formali rigward dan it-terminazzjoni taghha. Ma kinitx taf dak iz-zmien li fil-fatt l-impieg taghha kien gie tterminat. Ir-raguni originali stranament li kienet nghatat ghat-terminazzloni, kienet tirrelata iktar mal-fatt illi s-Sinjura kienet qabzet il-'pensionable age'. Izda f'dan ir-rigward, jidher li kien hemm volgiment tul dan il-process kollu. Kien hemm metamorfosi ta' din ir-raguni parikulari u fis-siegha u l-hin, l-argument tan- naha l-ohra sar illi din bilfors kien hemm htiega li jidhol xi hadd illi jirrimpjazzaha minhabba ic-cirkustanzi prezenti ta' dak iz-zmien u minhabba l-htigijiet li kellha l-Kumpanija. L-Avv. Cutajar irrimarka fil-ligi, artiklu 36, jispecifika taht is-sub-artiklu 14, il-proviso partikulari ta' taht illi inti tista' tittermina meta persuna tilhaq l-eta' tal-pensjoni. Pero'

mhux wara.. Is-Socjeta Intimata kienet konxja illi impjegat persuna illi kienet qabzet il-‘ pensionable age’. Issa ma nistghux nzommu lil dik il-persuna wara li inti hadt decizjoni konxja bhal dik fi stat ta’ xoghol prekarju biex meta umbaghad tigi l-htiega, nista’ nqanfdek il-barra. L-ewwel u qabel kollox, kif qal il-kollega, illi s-Sinjura Tonna, ma bdietx ma tidholx ghax-xoghol b’kapricc. Kien hemm direttivi specifici tal-awtoritajiet u ghahekk kellha idejha marbutin, l-Avukat Cutajar irrimarka li ‘ m’ghandniex ix-xhieda tal-individwu li rriplejsaha. Intqal ukoll li dan il-persuna kien jahdem f’ maintenance. Pero’ min irriplejsjah dan fil-maintenance? Qed nitkellmu fuq persuna li qatt ma kellha problemi fil-performance taghha. U meta giet biex terga tidhol, ghax dak kien hemm mument biss illi setghet, minflok ma gie tterminat kuntratt ta’ terz li, gie mpoggi ma din il-kumpanija minn entita’ ohra, tfajna il-barra individwa li kienet imjegata direttament tas-socjeta’..Ir-rikorrenti dejjem zammet kuntatt, infurmat lil-kumpanija ta’ x’kien qed jigri u fil-fatt ma setghetx tattendi kien sforz tac-cirkustanzi. Is-Sinjura tilfet issa ‘fuq minn sena paga illi kien irendielha dan ix-xoghol partikulari li kieku baqghet impjegata mal- Kumpanija.

L-Avv. Matthew Bondin xtaqt jirribatti xi punti. Dwar is-sena paga ma naqbilx, ghax l-anqas ghadha ghaddiet sena. Il- kollega qal illi donnu li qisu l-Kumpanija Intimata biddlet ragunijiet ghalfejn giet itterminata u filwaqt li ahna qed nghidu illi konna b’idejna marbuti minhabba l-pandemija, il-kollega jghidilna li -raguni li kienet nghatat kienet differenti u kienet l-eta’. Issa ovvjament jara, kif jaf ben tajjeb it-Tribunal, il-formola tal-Jobs Plus, meta tigi biex tittermina lil xi hadd, l-iktar wahda li kienet qrib dak li sehh, kienet dik li tghidlek ‘upon reaching pensionable age’. Ma nistghux nghidu li <u>tterminajna</u> minhabba dixxiplina` ghax, qed naqblu li kienx hekk dawn l-issues. Ma tkeccietx ghall-ebda raguni ohra hlief ghall-eta’ taghha, ghaliex l-eta’ taghha kienet krucjali fil-fatt li hi ma tistax tmur ghax-xoghol.

L-Avv. Matthew Cutajar xtaq jfakkar illi meta il-Jobs Plus fil-formula imtliet certu mod, pero’, dak li wiehed ried ifisser kien illi l-eta’ marbuta mal-fatt illi dan bilfors kien hemm htiega li din tigi rimpjazzata minhabba htigijiet tal-kumpanija. Allura f’dak il-kuntest, wiehed, a priori, diga suppost ghandu forma mentis fejn tista’ tirrikonoxxi li trid iggib il-prova li dak ir-rimpjazzament kien mehtieg u li allura trid turi, jekk effettivament dahalx xi hadd flok is-Sinjura Tonna jew le. Jekk wiehed jifli l-inkartament, l-Avukat ihoss illi l-prova li ngabet f’dan ir-rigward hija wahda vaga u mmijiex skjetta daqskemm jehtieg li tkun.

L-Avv Matthew Bondin qal li dak li ghandu jara dan it-Tribunal huwa li jekk il-persuna, kif ghidna, employer, jista jittermina impjegat tieghu meta jilhaq l-eta’ ta l-irtirar minghajr l-ebda raguni valida, allura jekk ghandek umbaghad ‘employer’, li ghandu persuna li ilha ftit taz-zmien hemm u li ilha li qabzet l-eta’ tal-irtirar, fuq dak hemm. Din kienet ordni li harget ‘across the board’ sitwazzjoni straordinarja, allura, jiena ma nistax nittermina, u nahseb dak, li jrid jasal ghalih it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet:**

It-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk is-Socjeta Intimata "Jasmine Nursing Home' kinitx gusta u skont il-ligi meta tterminat l-impieg tar-rikorrenti. Dan huwa kaz bla precedent *considerando* illi dan il-kaz gara waqt pandemija li d-dinja ilha ma tara bhala ghal ghexieren ta' snin. It-Tribunal jrid jaghmel enfasi li ir-rikorrenti giet impjegata meta diga' kienet fl-eta' tal-pensjoni.

It-Tribunal ma setax ma jinnotax, u dan hareg car anki mix-xhieda kemm tas-Socjeta' Intimata u kemm tar-Rikorrenti, illi ir-relazzjonijiet bejniethom kienu eccellenti u qatt ma kien hemm problemi. Il-prestazzjoni taghha fuq ix-xoghol ukoll kienet tajba u minghajr inkwiet. Kienet ir-rikorrenti stess li infurmat lis-Socjeta' Intimata li wara ittra li ircieviet mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, kienet ikkunsidrata bhala 'persuna vulnerabbli'.

It-Tribunal huwa tal-fehma li s-Socjeta' Intimata setghet solviet din il-problema b'mod sodisfacenti ghaz-zewg nahat u ma kellhiex ghalfejn tittermina l-impjieg tar-Rikorrenti.

Fl' affidavit taghha ir-rikorrenti iddikjarat li *" kull meta cempilt hemm kellimt lil Manager u ikkonfermali" li jien qeda fuq unpaid leave"*. Iddikjarat ukoll f'dan l-istess affidavit li *"cempilthilhom u ghidilhom illi lesta nidhol ghax-xoghol u kien f'dak iz-zmien li sirt naf illi kont gejt tterminata ghax kont ilhaqt l-eta' tal-pensjoni u li t-terminazzjoni sehhet mill-1 ta April 2020, kif jidher fil-karta tal-Jobs Plus."*

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-raguni kif mghotija fid-dokument tal-`Jobs Plus', cioe li r-rikorrenti giet terminata minhabba li lahqet l-eta' tal-pensjoni mhijiex wahda li tirrispekkja l-verita' tal-fatti. Apparti minn hekk, mhix kontrastata x-xhieda tar-rikorrenti illi hija giet mghotija l-impressjoni li qeghdha fuq *unpaid leave*.

**Decide:**

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi li t-tmiem ta' l-impieg tar-rikorrenti, fit-totalita' taghha, kien wiehed ingust u mhux skont il-Ligi u ghaldaqstant ghandha tinghata kumpens ta' sitt elef (€6,000) Ewro.

Dan il-kumpens ghandu jithallas mis-Socjeta' Intimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-kap 452 tal-ligijiet ta'Malta rigwardanti id-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax Euro (€93.17.)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Is-sur John Bencini
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja